# 79. L-Ispallejn tal-Markiża**

Daqq nofsinhar; minn taħt il-mustaxija
dlonk qamet il-Markiża, u mal-qaddejja
marret quddiem il-mera, u rat id-dija
tal-laħam safi u ċar ta' fuq spallejha.

Xi ħlewwa ta' spallejn! dik is-sbuħija
kabbret ġens sħiħ dejjem iħares lejha,
fil-wirji u fit-tijatri geġwiġija
magħrufa kullimkien kull fejn għaddejja.

Bħall-għatba tal-bibien laħamhom dieni
aktar mal-ħars jirfishom bl-ebda ħniena
aktar isir bajdan ċar, u leqqieni;

Tistagħġeb tiex inhu, kif qatt ma spiċċa,
kif bħall-vari tal-ġnien weqfin, għarwiena,
bil-ħars u l-kxif ma tmermer biċċa biċċa.

*** bid-dejn ma' Emile Zola*